# Vetturi bil-Mutur: K3/2024

**NR 197/2024** **Data tal-Ħruġ: 23 ta’ Ottubru 2024**

*Fit-tielet kwart tal-2024, l-istokk tal-vetturi bil-mutur bil-liċenzja żdied bi 3,030 fuq it-tliet xhur ta’ qabel.*



Fi tmiem Settembru 2024, l-istokk tal-vetturi lliċenzjati laħħaq l-443,193. Minn dan l-għadd, 74.3 fil-mija kienu karrozzi tal-passiġġieri, 14.3 fil-mija kienu vetturi kummerċjali jew agrikoli u 10.8 fil-mija kienu muturi/roti megħjunin b’enerġija elettrika, scooters li jitħaddmu bl-elettriku, muturi b’erba’ roti, u ATVs. Ix-xarabanks u l-minibuses ammontaw għal anqas minn wieħed fil-mija (Tabella nru 1). Fit-tliet xhur mitqiesa minn din l-istqarrija, l-istokk tal-vetturi lliċenzjati żdied b’rata medja netta ta’ 33 vettura kuljum (Ċart nru 2).

**Vetturi li ngħataw liċenzja ġdida**

Fil-perjodu ta’ referenza, 5,621 vettura ngħataw liċenzja ġdida. Il-maġġoranza tagħhom, 3,579 jew 63.7 fil-mija tat-total, kienu karrozzi tal-passiġġieri. Warajhom ġew il-muturi/roti megħjunin b’enerġija elettrika b’1,114 jew 19.8 fil-mija. Il-vetturi ‘ġodda’ li ngħataw liċenzja ġdida laħqu t-3,165 jew 56.3 fil-mija tal-għadd sħiħ, mentri l-vetturi ‘użati’ li ngħataw liċenzja ġdida kienu jgħoddu 2,456 jew 43.7 fil-mija (Tabelli nri 2-4). Medja ta’ 61 vettura ngħataw liċenzja ġdida kuljum fit-tielet kwart tal-2024 (Ċart nru 3).

**Vetturi b’restrizzjoni**

Tul it-tielet kwart tal-2024, kien hemm 6,396 vettura li tneħħew mit-triq minħabba xi restrizzjoni. Fosthom, 40.7 fil-mija kienu ggaraxxjati, 31.0 fil-mija kienu mibjugħin mill-ġdid u 26.6 fil-mija kienu skrappjati. L-għadd ta’ vetturi li kellhom ir-restrizzjonijiet mtemmin fl-istess żmien kien ilaħħaq l-4,049. Il-biċċa l-kbira tagħhom kienu ggaraxxjati (50.2 fil-mija) jew mibjugħin mill-ġdid (48.7 fil-mija) (Tabelli nri 5-6).

**Għamla ta’ magna**

Fl-aħħar ta’ Settembru 2024, 258,860 jew 58.4 fil-mija tal-vetturi kollha kienu jitħaddmu b’magni petrol. Il-vetturi li jitħaddmu b’magni diżil kienu jammontaw għal 156,329 jew 35.3 fil-mija tat-total. Vetturi oħra li jitħaddmu b’magni tal-elettriku u plug-in hybrid kienu jġibu 3.6 fil-mija tal-istokk kollu u kienu jgħoddu 16,057 vettura. Meta mqabblin mat-tliet xhur ta’ qabel, żdiet ta’ 9.4 fil-mija, 9.1 fil-mija u 5.6 fil-mija kienu rreġistrati fl-għadd ta’ vetturi li jitħaddmu bl-elettriku, vetturi plug-in hybrid li jitħaddmu bid-diżil u l-elettriku, u vetturi mild hybrid li jitħaddmu bil-petrol u l-elettriku (Tabella nru 7).

## Ċart nru 1. L-istokk tal-vetturi bil-liċenzja, biż-żmien




## Ċart nru 2. It-tibdil medju ta’ kuljum fl-istokk tal-vetturi bil-liċenzja




Nota: Iċ-ċifri murija fiċ-ċart ta’ fuq huma maħduma bil-formula ta’ nota nru 9 tal-metodoloġija. Dawn jistgħu jvarjaw xi ftit mit-tibdil miksub mill-formula murija f’nota nru 8 tal-metodoloġija minħabba d-dati tal-għeluq ta’ databases differenti.

## Ċart nru 3. Medja ta’ vetturi ‘ġodda’ u vetturi ‘użati’ li kuljum ingħataw liċenzja ġdida

